MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 5/2003

**GasanMamo Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Joseph Zahra**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ erbgha mija u hamsa u sittin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm465.59), bilanc ta’ prezz ta’ premia ta’ poloz ta’ l-assikurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici a favur tal-konvenut u fuq inkarigu tieghu fir-rigward tal-vetturi bin-numru GAB 909, VWG 017 u IAO 354.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. Michael Zammit Maempel in rapprezentanza tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' erbgha mija u hamsa u sittin lira Maltija u disgha u hamsin centezmu (Lm465.59), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

-------------------------------TMIEM-------------------------------